REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2124

tal-10 ta' Ottubru 2019

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-regoli għall-kontrolli uffiċjali ta' kunsinni ta' annimali u ta' oġġetti fit-tranżitu, fit-trasbord u fit-tkomplija tat-trasport fl-Unjoni, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008, (KE) Nru 1251/2008, (KE) Nru 119/2009, (UE) Nru 206/2010, (UE) Nru 605/2010, (UE) Nru 142/2011, (UE) Nru 28/2012, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/759 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 50(4), il-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 51(1), il-punti (c) u (j) tal-Artikolu 77(1) u l-Artikolu 77(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi l-qafas għall-kontrolli uffiċjali u għal attivitajiet uffiċjali oħrajn biex jivverifika l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-katina agroalimentari. Dak il-qafas jinkludi l-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-annimali u l-oġġetti li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi mill-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera magħżula.

(2) L-Artikolu 50(4) tar-Regolament (UE) 2017/625 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta r-regoli li jistabbilixxu l-każijiet meta, u l-kundizzjonijiet li fihom, ikun meħtieġ li fit-tranżitu fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali, ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti dderivati, ta' ħuxlief u tiben u prodotti komposti, ta' pjanti, ta' prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra msemmija fl-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/625, id-Dokument Sanitarju Komuni tad-Dħul (CHED) jakkumpanja l-kunsinni sal-post tad-destinazzjoni.

(3) Il-punt (a) tal-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 jipprevedi li l-Kummissjoni trid tistabbilixxi l-każijiet meta, u l-kundizzjonijiet li fihom, l-awtoritajiet kompetenti tal-postijiet tal-kontroll fuq il-fruntiera jenħtieġ li jkunu jistgħu jawtorizzaw it-tkomplija tat-trasport ta' kunsinni ta' ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali, ta' pjanti, ta' prodotti mill-pjanti, u ta' oġġetti oħra msemmija fl-Artikolu 47(1) ta' dak ir-Regolament lejn il-post tad-destinazzjoni finali tagħhom, sa meta jsiru disponibbli r-riżultati tal-verifiki fiżiċi.

[1] ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

(4) Il-punti (b) u (c) tal-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni li tistabbilixxi l-każijiet meta, u l-kundizzjonijiet li fihom, il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi tal-kunsinni ttrasbordati u tal-annimali li jaslu bl-ajru jew bil-baħar u li jibqgħu fl-istess mezz ta' trasport biex jitkompla l-vjaġġ, jistgħu jitwettqu f'post ta' kontroll fuq il-fruntiera differenti minn dak tal-ewwel wasla fl-Unjoni. Għall-fini li l-kontrolli tal-kunsinni ttrasbordati jkunu effikaċi, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-perjodi tal-ħin u l-arranġamenti li skonthom l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jridu jwettqu l-verifiki tad-dokumenti, tal-identità u fiżiċi.

(5) Il-punt (d) tal-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 jipprevedi li l-Kummissjoni trid tistabbilixxi l-każijiet meta, u l-kundizzjonijiet li fihom, jenħtieġ li jiġi awtorizzat it-tranżitu fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali, ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti dderivati, ta' ħuxlief u tiben u prodotti komposti, ta' pjanti, ta' prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra msemmija fl-Artikolu 47 (1) tar-Regolament (UE) 2017/625. Jipprevedi wkoll li l-Kummissjoni tistabbilixxi r-regoli dwar ċerti kontrolli uffiċjali li jridu jsiru fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera fuq dawn il-kunsinni, fosthom il-każijiet u l-kundizzjonijiet għall-ħżin temporanju tal-oġġetti fl-imħażen doganali, f'imħażen fiż-żoni ħielsa, f'faċilitajiet ta' ħżin temporanju u f'imħażen li huma speċjalizzati biex ifornu l-bażijiet militari tan-NATO u tal-Istati Uniti tal-Amerka.

(6) L-awtoritajiet kompetenti tal-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera jenħtieġ li jkunu jistgħu jawtorizzaw it-tkomplija tat-trasport lejn il-post tad-destinazzjoni finali, sa meta jsiru disponibbli r-riżultati tal-analiżijiet u tat-testijiet tal-laboratorju tal-kunsinni ta' għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali soġġett għall-miżuri msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 u ta' kunsinni ta' pjanti, ta' prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra msemmija fil-punti (c) u (e) tal-Artikolu 47(1) ta' dak ir-Regolament. L-ikel u l-għalf li jkunu magħmulin minnhom il-kunsinni jistgħu jidhru fil-lista tal-oġġetti li huma soġġetti għal żieda temporanja tal-kontrolli uffiċjali fil-punt tad-dħul fl-Unjoni stabbilita fil-punt (b) tal-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) 2017/625 jew jistgħu jkunu soġġetti għal miżura ta' emerġenza prevista fl-atti adottati skont l-Artikolu 53(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), jew ikunu soġġetti għal kundizzjonijiet addizzjonali għad-dħul fl-Unjoni previsti fl-atti adottati skont l-Artikolu 126 tar-Regolament (UE) 2017/625, jew għal miżuri speċjali dwar id-dħul tagħhom fl-Unjoni previsti fl-atti adottati skont l-Artikolu 128 tar-Regolament (UE) 2017/625.

(7) L-awtorizzazzjoni għat-tkomplija tat-trasport jenħtieġ li tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet sabiex jiġi żgurat kontroll xieraq tar-riskji. B'mod partikolari, biex jiġu ristretti r-riskji potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u tal-pjanti, il-kunsinni ta' ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali li huma soġġetti għall-miżuri msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 u l-kunsinni ta' pjanti, ta' prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra msemmija fil-punti (c) u (e) tal-Artikolu 47(1) jenħtieġ li jiġu ttrasportati lejn faċilitajiet għat-tkomplija tat-trasport fil-post tad-destinazzjoni finali magħżula mill-Istat Membru u jinħażnu hemm sakemm joħorġu r-riżultati tal-analiżijiet u tat-testijiet tal-laboratorju.

(8) Il-faċilitajiet għat-tkomplija tat-trasport jenħtieġ li jkunu mħażen doganali jew faċilitajiet tal-ħżin temporanju awtorizzati, magħżulin jew approvati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u sabiex tiġi żgurata l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel u tal-għalf, jenħtieġ li dawn ikunu rreġistrati mal-awtoritajiet kompetenti kif previst fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u fir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), rispettivament.

(9) Ir-riskji għas-saħħa tal-annimali assoċjati ma' kunsinni ta' annimali minn pajjiżi terzi li jaslu bl-ajru jew bil-baħar u li jibqgħu fl-istess mezz ta' trasport biex jitkompla l-vjaġġ lejn il-pajjiż terz jew lejn Stat Membru ieħor, li huma maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq fl-Unjoni jew maħsuba għat-tranżitu mill-Unjoni, huma aktar baxxi minn dawk assoċjati ma' kunsinni oħrajn ta' annimali, inklużi l-kunsinni ttrasbordati fil-portijiet marittimi jew fl-ajruporti. Għalhekk, sakemm ma jkunx hemm suspett ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625, jenħtieġ li jsiru l-verifiki fiżiċi u tal-identità ta' dawn l-annimali fil-post tal-kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni. Barra minn hekk, il-verifiki tad-dokumenti jenħtieġ li jitwettqu fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri u fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni fejn l-annimali jiġu ppreżentati għall-kontrolli uffiċjali u li minnu jidħlu fl-Unjoni biex sussegwentement jitqiegħdu fis-suq, jew biex jgħaddu bi tranżitu mit-territorju tal-Unjoni.

([2]) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-iġjene tal-għalf (ĠU L 35, 8.2.2005, p. 1).

(10) Il-vjaġġi t-twal fl-istess mezz tat-trasport jista' jkun ta' detriment għall-benessri tal-annimali. Sabiex jiġu rispettati r-rekwiżiti dwar it-trattament xieraq tal-annimali fit-trasport, jenħtieġ li japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 ([6]) sakemm il-kunsinna ta' annimali tasal fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni.

(11) Sabiex tkun evitata l-introduzzjoni ta' mard tal-annimali fl-Unjoni, jeħtieġ li jitwettqu l-verifiki tad-dokumenti, tal-identità u fiżiċi fuq kunsinni ta' annimali ttrasbordati f'portijiet marittimi jew f'ajruporti fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera fejn iseħħ l-ewwel trasbord.

(12) Filwaqt li jitqiesu r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali assoċjati mal-kunsinni ttrasbordati ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u tal-prodotti komposti tagħhom, u l-ħtieġa li jiġi żgurat it-tħaddim effiċjenti tal-kontrolli uffiċjali fuq tali kunsinni, jixraq li jiġi stabbilit il-perjodu ta' ħin li fih jenħtieġ li jitwettqu l-verifiki tad-dokumenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tat-trasbord. Il-kalkolu tal-ħin tal-perjodu tat-trasbord irid jibda malli l-kunsinna tasal fil-port jew fl-ajruport tal-Istat Membru. Meta jkun hemm suspett ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tat-trasbord iwettqu l-verifiki tad-dokumenti, tal-identità u fiżiċi.

(13) Bil-ħsieb li jiġi żgurat it-tħaddim effiċjenti tal-kontrolli uffiċjali u filwaqt li jitqiesu r-riskji għas-saħħa tal-pjanti assoċjati mal-kunsinni ttrasbordati ta' pjanti, ta' prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħrajn imsemmija fil-punti (c) u (e) tal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/625, jixraq li jiġu stabbiliti l-limiti tal-ħin li warajh ikunu jistgħu jitwettqu l-verifiki tad-dokumenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tat-trasbord. Il-kalkolu tal-ħin tal-perjodu tat-trasbord irid jibda malli l-kunsinna tasal fil-port jew fl-ajruport tal-Istat Membru. Meta jkun hemm suspett ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tat-trasbord iwettqu l-verifiki tad-dokumenti, tal-identità u fiżiċi.

(14) Jixraq li jiġi previst li jekk minħabba suspett ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625, ma jsirux il-verifiki kollha fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tat-trasbord fuq il-kunsinni ttrasbordati ta' pjanti, ta' prodotti mill-pjanti, u ta' oġġetti oħra msemmija fil-punti (c) u (e) tal-Artikolu 47 (1) tar-Regolament (UE) 2017/625 li jkunu maħsubin biex jitqiegħdu fis-suq fl-Unjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni jwettqu l-verifiki tad-dokumenti, tal-identità u fiżiċi.

(15) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-operaturi responsabbli mill-kunsinni ttrasbordati jkunu jistgħu jittrażmettu lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tat-trasbord l-informazzjoni dwar l-identifikazzjoni u fejn jinsabu l-oġġetti fil-port jew fl-ajruport, il-ħin stmat tal-wasla, il-ħin stmat tat-tluq u d-destinazzjoni tal-kunsinna tagħhom. F'każ bħal dan, l-Istati Membri għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' informazzjoni biex ikunu jistgħu jikkonsultaw l-informazzjoni pprovduta mill-operaturi u jivverifikaw li l-limitu tal-ħin biex jitwettqu l-verifiki tad-dokumenti ma jkunx inqabeż.

(16) Ir-riskji għas-saħħa tal-annimali u għas-saħħa pubblika huma aktar baxxi fil-każ tal-għalf u l-ikel li mhumiex ta' oriġini mill-annimali li huma soġġetti għall-miżuri jew għall-atti msemmija fil-punti (d)(e) u (f) tal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/625, li jiġu ttrasbordati minn bastiment jew minn inġenju tal-ajru taħt superviżjoni doganali għal bastiment jew inġenju tal-ajru ieħor fl-istess port jew ajruport. Għaldaqstant jixraq li jiġi previst li f'dan il-każ jenħtieġ li l-verifiki tad-dokumenti, tal-identità u fiżiċi ma jitwettqux fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tat-trasbord, iżda jsiru aktar tard fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni. Għaldaqstant, l-operatur responsabbli mill-kunsinna għandu jagħti notifika minn qabel tal-wasla tal-kunsinna billi jimla u jissottometti l-parti rilevanti taċ-CHED fis-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali (IMSOC) għat-trażmissjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni.

(17) Sabiex jiġu protetti s-saħħa u l-benessri tal-annimali, il-kunsinni tal-annimali fi tranżitu minn pajjiż terz għal pajjiż terz ieħor li jgħaddu taħt superviżjoni doganali mit-territorju tal-Unjoni għandhom ikunu soġġetti għal verifiki tad-dokumenti, tal-identità, u fiżiċi fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-ewwel wasla fl-Unjoni, u jenħtieġ li dan it-tranżitu jkun awtorizzat biss soġġett għall-eżitu favorevoli ta' dawk il-verifiki.

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li jemenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 (ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1).

(18) Bil-għan li tiġi protetta s-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali, il-kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u tal-prodotti komposti tagħhom fi tranżitu minn pajjiż terz għal pajjiż terz ieħor li jgħaddu mit-territorju tal-Unjoni għandhom ikunu soġġetti għall-verifiki tad-dokumenti u tal-identità fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera. Tali tranżitu għandu jkun awtorizzat soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, inkluż l-eżitu favorevoli tal-verifiki fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera, bil-ħsieb li jiġi żgurat il-kontroll xieraq tar-riskji fil-fruntiera u waqt it-tranżitu u, fl-aħħar mill-aħħar, jiġi żgurat li dawn l-oġġetti jitilqu mit-territorju tal-Unjoni.

(19) Sabiex tkun protetta s-saħħa tal-pjanti, jenħtieġ li l-kunsinni ta' pjanti, ta' prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra msemmija fil-punti (c) u (e) tal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 fi tranżitu minn pajjiż terz għal pajjiż terz ieħor li jgħaddu mit-territorju tal-Unjoni jkunu soġġetti għall-verifiki tad-dokumenti u fiżiċi bbażati fuq ir-riskju fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera. Jenħtieġ li dan it-tranżitu jkun awtorizzat soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, fosthom l-eżitu favorevoli tal-verifiki fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera.

(20) F'ċerti każijiet, il-kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u tal-prodotti komposti tagħhom li jkunu fi tranżitu minn pajjiż terz għal pajjiż terz ieħor li jgħaddu mit-territorju tal-Unjoni jistgħu jinħażnu temporanjament f'imħażen. Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà ta' kunsinni bħal dawn, tali ħażna temporanja għandha ssir biss f'imħażen approvati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u li għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-iġjene stipulati fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 u fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ([7]).

(21) Fl-interess tat-trasparenza, jenħtieġ li l-Istati Membri jżommu u jaġġornaw fl-IMSOC lista tal-imħażen approvati kollha, billi jindikaw l-isem u l-indirizz tagħhom, il-kategorija tal-oġġetti li għalihom huma approvati u n-numru tal-approvazzjoni. Jenħtieġ li l-imħażen approvati jkunu soġġetti għal kontrolli uffiċjali regolari mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti bil-ħsieb li jkun żgurat li jinżammu l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tagħhom.

(22) Sabiex jiġi żgurat li l-kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u tal-prodotti komposti tagħhom jittellgħu abbord il-bastimenti realment, fost dawn, fuq il-bastimenti militari, li joħorġu mill-Unjoni, jenħtieġ li malli titwassal abbord il-kunsinna, l-awtorità kompetenti tal-port tad-destinazzjoni jew ir-rappreżentant tal-kaptan tal-bastiment jikkonfermaw li twasslet il-kunsinna lill-awtorità kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni jew tal-maħżen fejn inħażnu temporanjament tali oġġetti. Din il-konferma għandha ssir permezz billi jiġi kontroffirmat iċ-ċertifikat uffiċjali jew permezz ta' mezzi elettroniċi. Meta l-kunsinni ma jitwasslux lill-bastiment, minħabba li ma jkunux laħqu l-bastiment fil-port jew minħabba problemi loġistiċi, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tal-maħżen jew tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni tingħata l-permess li tawtorizza r-ritorn tal-kunsinna lejn il-post tad-dispaċċ.

(23) F'xi Stati Membri, minħabba s-sitwazzjoni ġeografika, it-tranżitu tal-annimali u l-oġġetti jsir skont kundizzjonijiet speċifiċi stipulati fir-regoli dwar id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji tal-annimali, u prodotti li joriġinaw mill-annimali. Il-proċeduri u l-kundizzjonijiet speċifiċi ta' kontroll għalhekk huma meħtieġa sabiex jappoġġjaw l-infurzar ta' dawk ir-rekwiżiti.

(24) Jeħtieġ li jiġu stipulati l-kundizzjonijiet skont liema l-kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u tal-prodotti komposti tagħhom li tkun ingħatatilhom l-awtorizzazzjoni għat-tranżitu mit-territorju tal-Unjoni, iżda li jiġu rrifjutati mill-pajjiż terz tad-destinazzjoni jridu jitħallew jirritornaw direttament lejn il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera li awtorizza t-tranżitu tagħhom fl-Unjoni, jew lejn l-imħażen fejn dawn l-oġġetti nħażnu fit-territorju tal-Unjoni qabel ma ġew irrifjutati mill-pajjiż terz.

([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

(25) Minħabba r-riskji għas-saħħa u għall-benesseri tal-bnedmin u tal-annimali, il-kunsinni tal-annimali, il-prodotti li joriġinaw mill-annimali, il-prodotti ġerminali, il-prodotti sekondarji tal-annimali, il-ħuxlief u t-tiben u l-prodotti komposti li jinġarru mit-territorju tal-Unjoni għal parti oħra tat-territorju tal-Unjoni u li jgħaddu mit-territorju ta' pajjiż terz għandhom ikunu soġġetti għall-verifiki tad-dokumenti u tal-identità mill-awtoritajiet kompetenti tal-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera qabel ma jerġgħu jiddaħħlu fl-Unjoni. Il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, li jkunu ġew ippakkjati u ttrasportati b'mod xieraq kif imsemmi fl-Artikolu 47(1)(b) tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) ma għandhomx ikunu soġġetti għall-verifiki fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul mill-ġdid, billi r-riskju li jiġu introdotti organiżmi ta' ħsara huwa baxx.

(26) Bil-għan li jiġu żgurati komunikazzjoni xierqa u t-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn awtoritajiet u operaturi differenti, għandha titlesta l-parti rilevanti taċ-CHED. Jenħtieġ li l-Parti I timtela mill-persuna responsabbli mill-kunsinna u tintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera qabel il-wasla tal-kunsinna. Jenħtieġ li l-Parti II timtela mill-awtoritajiet kompetenti malli jitwettqu l-verifiki msemmija f'dan ir-Regolament u tkun ittieħdet deċiżjoni dwar il-kunsinna li tiġi rreġistrata hemmhekk. Jenħtieġ li l-Parti III timtela mill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-ħruġ jew tad-destinazzjoni finali, jew awtorità kompetenti lokali malli jkunu twettqu l-verifiki msemmija f'dan ir-Regolament.

(27) Sabiex jiġi żgurat li l-kunsinni tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u tal-prodotti komposti tagħhom li jkunu ġejjin mit-territorju tal-Kroazja u li jgħaddu mit-territorju tal-Bożnija-Ħerzegovina f'Neum ("il-kuritur ta' Neum") ikunu intatti qabel ma jidħlu fit-territorju tal-Kroazja mill-punti tad-dħul fi Klek jew f'Zaton Doli, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti twettaq il-verifiki fuq is-siġilli tal-vetturi jew tal-kontejners tat-trasport u tirreġistra d-data u l-ħin tat-tluq u tal-wasla tal-vetturi li jittrasportaw l-oġġetti.

(28) Meta l-kunsinni ta' ċerti oġġetti msemmija fil-punti (b), (c), (d), (e) u (f) tal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 jkunu maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq fl-Unjoni jew biex jgħaddu mill-Unjoni, f'ċerti każijiet, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tistipula li t-trasport tagħhom mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-wasla lejn l-istabbiliment fil-post tad-destinazzjoni jew lejn il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-ħruġ, u l-wasla tagħhom fil-post tad-destinazzjoni għandu jiġi ssorveljat. Sabiex jiġi evitat kull riskju għas-saħħa pubblika u għas-saħħa tal-annimali, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni jissorveljaw li l-kunsinni jaslu fid-destinazzjoni fi żmien 15-il jum.

(29) Wieħed mill-iskopijiet tar-Regolament (UE) 2017/625 huwa li r-regoli jkunu stabbiliti f'att wieħed minflok ma jkunu mxerrda f'diversi atti, dan jagħmilha aktar faċli biex dawk ir-regoli jinftiehmu u jiġu applikati. Dan ir-Regolament isegwi l-istess sistema u jevita l-ħtieġa li jsiru għadd ta' kontroreferenzi bejn l-atti diversi, u b'hekk tiżdied it-trasparenza. Diversi regoli supplimentari stipulati f'dan l-abbozz tal-att huma marbutin ma' xulxin u jridu jiġu applikati flimkien. Dan huwa l-każ b'mod speċjali għar-regoli dwar it-tranżitu, u dawn ir-regoli jibdew japplikaw fl-istess data. Billi dawn ir-regoli supplimentari se jkunu stabbiliti f'att wieħed, dan jevita r-riskju ta' rduppjar tar-regoli.

(30) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/208/KE ([9]), id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/571/KE ([10]) u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/215/UE ([11]) jistipulaw regoli dwar oqsma li huma fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għaldaqstant, biex ma jsirx irduppjar tar-regoli, jenħtieġ li dawk l-atti jitħassru.

([8]) Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4).

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/208/KE tal-24 ta' Frar 2000 li tistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex tiġi applikata d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tirrigwarda t-transitu tal-prodotti ta' origini mill-annimali minn pajjiż terz għall-ieħor bit-triq biss fil-Komunità Ewropea (ĠU L 64, 11.3.2000, p. 20).

([10]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/571/KE tat-8 ta' Settembru 2000 li tistabbilixxi l-metodi ta' ċċekkjar veterinarju għal prodotti minn pajjiżi barra l-Komunità destinati għall-introduzzjoni fiż-żoni ħielsa, fi mħażen ħielsa, fi mħażen doganali jew operaturi li jissuplixxu mezzi mal-fruntieri ta' trasport bil-baħar (ĠU L 240, 23.9.2000, p. 14).

([11]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/215/UE tal-4 ta' April 2011 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE dwar it-trasbord fil-post tal-ispezzjoni fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni tal-kunsinni ta' prodotti maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni jew għal pajjiżi terzi (ĠU L 90, 6.4.2011, p. 50).

(31) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE ([12]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ([13]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2008 ([14]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 119/2009 ([15]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 ([16]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 ([17]), ir-Regolament (UE) Nru 142/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 28/2012 ([18]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/759 ([19]) jenħtieġ li jiġu emendati biex ikun żgurat li r-regoli stipulati f'dawk l-atti jkunu konsistenti mar-regoli stipulati f'dan ir-Regolament.

(32) Billi r-Regolament (UE) 2017/625 jibda japplika mill-14 ta' Diċembru 2019, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika wkoll minn dik id-data,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistipula:

(a) ir-regoli li jistabbilixxu l-każijiet meta u l-kundizzjonijiet li fihom, l-awtoritajiet kompetenti ta' post ta' kontroll fuq il-fruntiera jistgħu jawtorizzaw it-tkomplija tat-trasport ta' kunsinni tal-kategoriji ta' oġġetti li ġejjin lejn il-post tad-destinazzjoni finali fl-Unjoni, sakemm isiru disponibbli r-riżultati tal-analiżijiet u tat-testijiet tal-laboratorju mwettqa bħala parti mill-verifiki fiżiċi msemmija fl-Artikolu 49(1) tar-Regolament (UE) 2017/625:

(i) il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u l-oġġetti l-oħra msemmija fil-listi stabbiliti skont l-Artikoli 72(1) u 74(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031;

(ii) il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u l-oġġetti l-oħra soġġetti għall-miżura ta' emerġenza msemmija fl-Artikolu 47(1)(e) tar-Regolament (UE) 2017/625;

(iii) l-għalf u l-ikel ta' oriġini mhux mill-annimali soġġetti għall-miżuri previsti mill-atti msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/625;

([12]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika, kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49).

([13]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).

([14]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2008 tat-12 ta' Diċembru 2008 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward tal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom u li jistabbilixxi lista ta' speċi li jgħaddu l-mard (ĠU L 337, 16.12.2008, p. 41).

([15]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 119/2009 tad-9 ta' Frar 2009 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet minnhom, għall-importazzjoni fil-Komunità, jew għat-tranżitu minnha, ta' laħam ta' *leporidae* selvaġġi, ta' ċerti mammali tal-art selvaġġi u ta' fniek imrobbija fl-irziezet u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 39, 10.2.2009, p. 12).

([16]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikolari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1).

([17]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 li jistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika, kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 175, 10.7.2010, p. 1).

([18]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 28/2012 tal-11 ta' Jannar 2012, li jistabbilixxi r-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni tal-importazzjoni għall-Unjoni u tat-tranżitu minn ġol-Unjoni ta' ċerti prodotti komposti u li jemenda d-Deċiżjoni 2007/275/KE u r-Regolament (KE) Nru 1162/2009 (ĠU L 12, 14.1.2012, p. 1).

([19]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/759 tat-28 ta' April 2016 li jfassal listi tal-pajjiżi terzi, il-partijiet ta' pajjiżi terzi u t-territorji li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum uman, li jistabbilixxi ċertifikati, rekwiżiti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u li jħassar id-Deċiżjoni 2003/812/KE (ĠU L 126, 14.5.2016, p. 13).

(b) ir-regoli li jistabbilixxu l-każijiet meta, u l-kundizzjonijiet li fihom, il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi tal-annimali li jaslu bl-ajru jew bil-baħar u li jibqgħu fl-istess mezz ta' trasport biex jitkompla l-vjaġġ jistgħu jitwettqu f'post ta' kontroll fuq il-fruntiera differenti minn dak tal-ewwel wasla fl-Unjoni;

(c) ir-regoli speċifiċi għall-kontrolli uffiċjali f'postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera ta' kunsinni ttrasbordati tal-annimali u tal-kategoriji ta' oġġetti li ġejjin:

(i) il-prodotti li joriġinaw mill-annimali, il-prodotti ġerminali, il-prodotti sekondarji tal-annimali, il-prodotti dderivati, il-ħuxlief u t-tiben u l-prodotti komposti;

(ii) il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti, u l-oġġetti l-oħra msemmija fil-listi stabbiliti skont l-Artikoli 72(1) u 74(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031;

(iii) il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u l-oġġetti l-oħra soġġetti għall-miżura ta' emerġenza prevista mill-Artikoli tar-Regolament (UE) 2016/2031, imsemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/625;

(iv) l-għalf u l-ikel ta' oriġini mhux mill-annimali soġġetti għall-miżuri jew għall-atti msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/625;

(d) regoli speċifiċi għall-kontrolli ta' kunsinni tal-annimali u tal-kategoriji ta' oġġetti fi tranżitu li ġejjin:

(i) il-prodotti li joriġinaw mill-annimali, il-prodotti ġerminali, il-prodotti sekondarji tal-annimali, il-prodotti dderivati, il-ħuxlief u t-tiben u l-prodotti komposti;

(ii) il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u l-oġġetti l-oħra msemmija fil-listi stabbiliti skont l-Artikoli 72(1) u 74(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031;

(iii) il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u l-oġġetti l-oħra soġġetti għall-miżura ta' emerġenza prevista fil-punt (e) tal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/625.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-annimali vertebrati u invertebrati minbarra:

(a) l-annimali domestiċi kif inhuma ddefiniti fl-Artikolu 4(11) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]); u

(b) l-annimali invertebrati maħsubin għal skopijiet xjentifiċi kif imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2122 ([21]).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "dokument sanitarju komuni tad-dħul" jew "CHED" tfisser id-dokument sanitarju komuni tad-dħul, li jintuża għan-notifika minn qabel tal-wasla ta' kunsinni fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera, u li jintuża biex jirreġistra l-eżitu tal-kontrolli uffiċjali li twettqu u tad-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-kunsinna li jkun qed jakkompanja;

(2) "kunsinni ttrasbordati" tfisser kunsinni ta' annimali jew ta' oġġetti li jidħlu fl-Unjoni bil-baħar jew bl-ajru minn pajjiż terz, meta dawk l-annimali jew l-oġġetti jinħattu minn bastiment jew minn inġenju tal-ajru u jiġu ttrasportati taħt superviżjoni doganali għal fuq bastiment jew inġenju tal-ajru ieħor fl-istess port jew ajruport bi tħejjija għat-tkomplija tal-vjaġġ;

(3) "maħżen" tfisser:

(a) maħżen doganali, maħżen f'żona ħielsa, faċilità ta' ħżin temporanju approvati, awtorizzati jew magħżulin f'konformità mal-Artikoli 147(1), 240(1), 243(1), rispettivament, tar-Regolament (UE) Nru 952/2013; jew

(b) maħżen speċjalizzat għall-forniment ta' oġġetti għall-bażijiet militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti tal-Amerka;

([20]) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

([21]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2122 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti eżentati minn kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri, kontrolli speċifiċi fuq il-bagalji personali tal-passiġġieri u fuq kunsinni żgħar ta' oġġetti mibgħuta lil persuni fiżiċi li mhumiex maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 142/2011 (Ara paġna 45 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(4) "it-tkomplija tat-trasport" tfisser il-ġarr ta' kunsinni ta' oġġetti minn post ta' kontroll fuq il-fruntiera lejn il-post tad-destinazzjoni finali fl-Unjoni, sakemm isiru disponibbli r-riżultati tal-analiżijiet u tat-testijiet tal-laboratorju;

(5) "faċilità ta' tkomplija tat-trasport" tfisser il-faċilità fil-post tad-destinazzjoni finali fl-Unjoni jew f'post li jinsab taħt il-mandat tal-istess awtorità kompetenti bħall-post tad-destinazzjoni finali, magħżula mill-Istat Membru tad-destinazzjoni għall-ħżin ta' kunsinni ta' oġġetti li jkunu soġġetti għat-tkomplija tat-trasport qabel ma jiġu rilaxxati l-kunsinni għaċ-ċirkolazzjoni libera;

(6) "sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali" jew "IMSOC" tfisser is-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali msemmija fl-Artikolu 131 tar-Regolament (UE) 2017/625;

(7) "post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni" tfisser il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera fejn l-annimali u l-oġġetti jiġu ppreżentati għall-kontrolli uffiċjali u li minnu jidħlu fl-Unjoni għat-tqegħid sussegwenti fis-suq jew għat-tranżitu mit-territorju tal-Unjoni u li jista' jkun post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-ewwel wasla fl-Unjoni;

(8) "pest irregolat mill-Unjoni li mhuwiex ta' kwarantina" tfisser pest li jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha elenkati fl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2016/2031;

(9) "maħżen approvat" tfisser maħżen approvat mill-awtoritajiet kompetenti kif previst fl-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament;

(10) "bajd speċifikat bħala ħieles mill-patoġeni" tfisser bajd għat-tifqis li jkun ittieħed minn qatgħat ta' tiġieġ li jkunu ħielsa minn patoġeni speċifikati, kif hemm deskritt fil-Farmakopea Ewropea ([22]), u li jkun maħsub biss għall-użu fid-dijannostikar, fir-riċerka jew għall-użu farmaċewtiku.

KAPITOLU II

It-tkomplija tat-trasport ta' kunsinni ta' pjanti, ta' prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra, u ta' għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali, kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1)

TAQSIMA 1

Il-kundizzjonijiet għat-tkomplija tat-trasport

Artikolu 3

L-obbligi tal-operaturi qabel l-awtorizzazzjoni tat-tkomplija tat-trasport

1. It-talbiet għall-awtorizzazzjoni li jitkompla t-trasport għandhom isiru mill-operaturi responsabbli mill-kunsinni tal-oġġetti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1) lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni qabel il-wasla tal-kunsinni fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera. Dawn it-talbiet għandhom isiru permezz ta' notifika kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 56(3) tar-Regolament (UE) 2017/625 billi timtela l-Parti I taċ-CHED.

2. Għall-kunsinni tal-oġġetti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1) li jintgħażlu għall-kampjunar u għall-analiżijiet fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera, l-operatur responsabbli mill-kunsinni jista' jitlob l-awtorizzazzjoni għat-tkomplija tat-trasport mingħand l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni billi jimla l-Parti I taċ-CHED.

Artikolu 4

L-awtorizzazzjoni tat-tkomplija tat-trasport

L-awtoritajiet kompetenti fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni jistgħu jawtorizzaw it-tkomplija tat-trasport tal-kunsinna tal-oġġetti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1) dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-eżitu tal-verifiki tad-dokumenti, tal-verifiki tal-identità u tal-verifiki fiżiċi, għajr dak tal-analiżijiet u t-testijiet fil-laboratorju li jitwettqu bħala parti minn dawk il-verifiki fiżiċi, imwettqa fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera, ikun sodisfaċenti;

(b) l-operatur responsabbli mill-kunsinna jkun talab it-tkomplija tat-trasport kif previst fl-Artikolu 3.

([22]) http://www.edqm.eu (l-aħħar edizzjoni).

Artikolu 5

L-obbligi tal-operaturi wara li tinkiseb l-awtorizzazzjoni għat-tkomplija tat-trasport

Meta l-awtoritajiet kompetenti fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni jawtorizzaw it-tkomplija tat-trasport tal-kunsinna tal-oġġetti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1), l-operatur responsabbli mill-kunsinna għandu:

(a) jimla l-Parti I ta' CHED separat għall-istess kunsinna, marbuta fl-IMSOC maċ-CHED imsemmi fl-Artikolu 3, billi hemm jiddikjara l-mezz tat-trasport u d-data tal-wasla tal-kunsinna fil-faċilità magħżula għat-tkomplija tat-trasport;

(b) jissottometti ċ-CHED imsemmi fil-punt (a) fl-IMSOC għat-trażmissjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera li jkunu awtorizzaw it-tkomplija tat-trasport.

Artikolu 6

Il-kundizzjonijiet għat-trasportazzjoni u l-ħżin ta' kunsinni soġġetti għat-tkomplija tat-trasport

1. L-operatur responsabbli mill-kunsinni li jkunu awtorizzati għat-tkomplija tat-trasport skont l-Artikolu 4 għandhom jiżguraw li:

(a) il-kunsinna ma tiġi mbagħbsa bl-ebda mod, kemm waqt it-trasport lejn il-faċilità ta' tkomplija tat-trasport, kif ukoll waqt li tkun maħżuna fiha;

(b) il-kunsinna ma tkun soġġetta għal ebda alterazzjoni, ipproċessar, sostituzzjoni jew tibdil fl-imballaġġ;

(c) il-kunsinna ma toħroġx mill-faċilità ta' tkomplija tat-trasport sakemm tittieħed id-deċiżjoni dwar il-kunsinna mill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera b'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) 2017/625.

2. L-operatur responsabbli mill-kunsinna għandu jittrasportaha taħt is-superviżjoni doganali direttament mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni lejn il-faċilità ta' tkomplija tat-trasport, mingħajr ma jinħattu l-oġġetti waqt it-trasport, u għandu jaħżinha fil-faċilità ta' tkomplija tat-trasport.

3. L-operatur responsabbli mill-kunsinna għandu jiżgura li l-imballaġġ jew il-mezz tat-trasport tal-kunsinna tal-pjanti, tal-prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra msemmija fil-punti (a)(i) u (ii) tal-Artikolu 1(1) ikun magħluq jew issiġillat b'tali mod li, waqt it-trasport tagħha lejn il-faċilità ta' tkomplija tat-trasport u waqt il-ħżin hemmhekk:

(a) ma jikkawżawx infestazzjoni f'pjanti, f'prodotti mill-pjanti jew f'oġġetti oħra, ta' pesti elenkati bħala pesti ta' kwarantina tal-Unjoni jew bħala pesti rregolati mill-Unjoni li mhumiex ta' kwarantina;

(b) ma jiġux infestati jew infettati huma b'pesti li mhumiex ta' kwarantina.

4. L-operatur responsabbli mill-kunsinna għandu jiżgura li jkun hemm kopja stampata jew kopja elettronika, taċ-CHED imsemmi fl-Artikolu 3 mal-kunsinna mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni sal-faċilità ta' tkomplija tat-trasport.

5. L-operatur responsabbli mill-kunsinna għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti fil-post tad-destinazzjoni finali bil-wasla tal-kunsinna fil-faċilità ta' tkomplija tat-trasport.

6. Wara li l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni jkunu awtorizzaw it-tkomplija tat-trasport tal-kunsinna lejn il-faċilità ta' tkomplija tat-trasport, l-operatur responsabbli mill-kunsinna ma għandux jittrasporta l-kunsinna lejn faċilità ta' tkomplija tat-trasport differenti minn dik indikata fiċ-CHED, dment li l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni ma jawtorizzawx il-bidla f'konformità mal-Artikolu 4, u dment li jiġu rispettati l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 7

Il-kompiti li jridu jwettqu l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera wara li jkunu awtorizzaw it-tkomplija tat-trasport

1. Meta jawtorizzaw it-tkomplija tat-trasport f'konformità mal-Artikolu 4, l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti fil-post tad-destinazzjoni finali li l-kunsinna qed tiġi ttrasportata billi jissottomettu ċ-CHED imsemmi fl-Artikolu 3 fl-IMSOC.

2. Mal-finalizzazzjoni taċ-CHED imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 56(5) tar-Regolament (UE) 2017/625, l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni għandhom jinnotifikaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti fil-post tad-destinazzjoni finali permezz tal-IMSOC.

3. Meta l-kunsinna ma tikkonformax mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625, l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni għandhom tieħu l-miżuri skont l-Artikolu 66(3) sa (6) ta' dak ir-Regolament.

4. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni ma jirċevux konferma tal-wasla ta' kunsinna mingħand l-awtoritajiet kompetenti tal-post tad-destinazzjoni f'perjodu ta' 15-il jum mid-data ta' meta ġiet awtorizzata l-kunsinna għat-tkomplija tat-trasport lejn il-faċilità ta' tkomplija tat-trasport, huma għandhom:

(a) jivverifikaw mal-awtoritajiet kompetenti fil-post tad-destinazzjoni, il-kunsinna waslitx jew le fil-faċilità ta' tkomplija tat-trasport;

(b) jinfurmaw lill-awtoritajiet doganali jekk il-kunsinna ma tkunx waslet;

(c) iwettqu aktar investigazzjonijiet biex jiddeterminaw fejn realment tinsab il-kunsinna b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali u ma' awtoritajiet oħrajn f'konformità mal-Artikolu 75(1) tar-Regolament (UE) 2017/625.

Artikolu 8

Il-kompiti li jridu jwettqu l-awtoritajiet kompetenti fil-post tad-destinazzjoni finali

1. L-awtoritajiet kompetenti fil-post tad-destinazzjoni finali għandhom jikkonfermaw il-wasla tal-kunsinna fil-faċilità ta' tkomplija tat-trasport billi jimlew fl-IMSOC il-Parti III taċ-CHED imsemmi fl-Artikolu 3.

2. L-awtorità kompetenti fil-post tad-destinazzjoni finali għandha tqiegħed il-kunsinni li ma jikkonformawx mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625 taħt detenzjoni uffiċjali f'konformità mal-Artikolu 66(1) ta' dak ir-Regolament, u għandha tieħu l-passi kollha meħtieġa biex timplimenta l-miżuri ordnati mill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera f'konformità mal-Artikolu 66(3) u (4) ta' dak ir-Regolament.

TAQSIMA 2

Faċilitajiet ta' tkomplija tat-trasport

Article 9

Kundizzjonijiet għall-għażla ta' faċilitajiet ta' tkomplija tat-trasport

1. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu faċilità ta' tkomplija tat-trasport għall-kunsinni ta' kategorija waħda jew ta' diversi kategoriji ta' oġġetti kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1), dment li dawn jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu mħażen doganali jew faċilitajiet ta' ħżin temporanju kif imsemmija fl-Artikoli 240(1) u 147(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, rispettivament;

(b) meta l-għażla tikkonċerna:

(i) l-ikel ta' oriġini mhux mill-annimali, imsemmi fil-punt (a)(iii) tal-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, il-faċilitajiet ta' tkomplija tat-trasport jiġu rreġistrati mal-awtorità kompetenti kif previst fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004;

(ii) l-għalf ta' oriġini mhux mill-annimali, imsemmi fil-punt (a)(iii) tal-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, il-faċilitajiet ta' tkomplija tat-trasport jiġu rreġistrati mal-awtorità kompetenti kif previst fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 183/2005.

(c) ikollhom it-teknoloġija u t-tagħmir meħtieġa għat-tħaddim effikaċi tal-IMSOC.

2. Meta l-faċilitajiet ta' tkomplija tat-trasport ma jibqgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom:

(a) jissospendu temporanjament il-ħatra, sakemm jiġu implimentati l-azzjonijiet korrettivi, jew inkella jirtiraw il-ħatra b'mod permanenti għal ċerti kategoriji ta' oġġetti, jew għall-kategoriji kollha, li għalihom tkun saret il-ħatra;

(b) jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-faċilitajiet ta' tkomplija tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 10 tiġi aġġornata kif xieraq.

Artikolu 10

Ir-reġistrazzjoni tal-faċilitajiet ta' tkomplija tat-trasport magħżulin fl-IMSOC

L-Istati Membri għandhom iżommu aġġornata fl-IMSOC il-lista ta' faċilitajiet ta' tkomplija tat-trasport magħżulin f'konformità mal-Artikolu 9(1), filwaqt li jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u l-indirizz tal-faċilità ta' tkomplija tat-trasport;

(b) il-kategorija tal-oġġetti li għaliha tkun intgħażlet.

KAPITOLU III

It-tkomplija tal-vjaġġ tal-annimali li jibqgħu fl-istess mezz ta' trasport u tal-kunsinni trasbordati ta' annimali u oġġetti

Artikolu 11

Verifiki tad-dokumenti, verifiki tal-identità u verifiki fiżiċi ta' kunsinni ta' annimali li jibqgħu fl-istess mezz ta' trasport

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera għandhom iwettqu l-verifiki tad-dokumenti fuq iċ-ċertifikati jew id-dokumenti uffiċjali oriġinali jew fuq kopji tagħhom li huma meħtieġa li jakkumpanjaw il-kunsinni tal-annimali li jaslu bl-ajru jew bil-baħar u li jibqgħu fl-istess mezz ta' trasport biex ikomplu jivvjaġġaw, meta dawn l-annimali jkunu maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq fl-Unjoni jew biex jgħaddu mill-Unjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jagħtu lura ċ-ċertifikati jew id-dokumenti uffiċjali li fuqhom ikunu wettqu l-verifiki lill-operatur responsabbli mill-kunsinna biex dawn iċ-ċertifikati jew id-dokumenti uffiċjali jkunu jistgħu jibqgħu mal-kunsinni għat-tkomplija tal-vjaġġ.

3. Meta jkun hemm suspett ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625, l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera għandhom iwettqu l-verifiki tad-dokumenti, tal-identità u fiżiċi fuq il-kunsinni.

Għandhom isiru l-verifiki tad-dokumenti fuq iċ-ċertifikati jew id-dokumenti uffiċjali oriġinali li huma meħtieġa li jakkumpanjaw il-kunsinna tal-annimali kif previst mir-regoli msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni għandhom iwettqu l-verifiki tad-dokumenti, il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi, ħlief meta dawn il-verifiki jkunu twettqu f'post ieħor ta' kontroll fuq il-fruntiera f'konformità mal-paragrafu 3.

Artikolu 12

Il-verifiki tad-dokumenti, il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi ta' kunsinni ta' annimali ttrasbordati

L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tat-trasbord għandhom iwettqu l-verifiki tad-dokumenti, il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi ta' kunsinni ta' annimali ttrasbordati.

Artikolu 13

Verifiki tad-dokumenti, verifiki tal-identità u verifiki fiżiċi ta' kunsinni ttrasbordati ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u tal-prodotti komposti tagħhom

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tat-trasbord għandhom iwettqu tad-dokumenti fuq iċ-ċertifikati jew id-dokumenti uffiċjali oriġinali jew fuq kopji tagħhom, li huma meħtieġa jakkumpanjaw il-kunsinni ttrasbordati ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u tal-prodotti komposti tagħhom fil-każijiet li ġejjin:

(a) għall-oġġetti li huma soġġetti għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali u għar-regoli għall-prevenzjoni u l-minimizzazzjoni tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali li jirriżultaw minn prodotti sekondarji tal-annimali u minn prodotti dderivati msemmija fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625, meta l-perjodu tat-trasbord:

(i) fl-ajruport jaqbeż it-tlett ijiem;

(ii) fil-port jaqbeż it-30 jum;

(b) għal oġġetti oħra għajr dawk imsemmijin fil-punt (a), meta l-perjodu tat-trasbord jaqbeż id-90 jum.

2. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jagħtu lura ċ-ċertifikati jew id-dokumenti uffiċjali li fuqhom ikunu wettqu l-verifiki lill-operatur responsabbli mill-kunsinna biex dawn iċ-ċertifikati jew id-dokumenti uffiċjali jkunu jistgħu jibqgħu mal-kunsinni għat-tkomplija tal-vjaġġ.

3. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tat-trasbord jissuspettaw li hemm nuqqas ta' konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625, għandhom iwettqu l-verifiki tad-dokumenti, il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi fuq il-kunsinna.

Dawk il-verifiki tad-dokumenti għandhom jitwettqu fuq iċ-ċertifikati jew id-dokumenti uffiċjali oriġinali meta dawn iċ-ċertifikati jew id-dokumenti uffiċjali huma meħtieġa li jakkumpanjaw il-kunsinna, kif previst mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625.

4. Meta kunsinna li tkun maħsuba biex tintbagħat lejn pajjiż terz taqbeż il-perjodu tal-ħin imsemmi fil-paragrafu 1, u meta din il-kunsinna ma tikkonformax mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625, l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera għandhom jordnaw li l-operatur jeqred il-kunsinna jew jiżgura li titlaq mill-Unjoni mingħajr dewmien.

5. L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni għandhom iwettqu l-verifiki tad-dokumenti, tal-identità u fiżiċi previsti fl-Artikolu 49(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 fuq l-oġġetti li jkunu maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni, ħlief meta l-verifiki tad-dokumenti, il-verifiki tal-identità, u l-verifiki fiżiċi jkunu twettqu f'post ieħor ta' kontroll fuq il-fruntiera f'konformità mal-paragrafu 3.

6. L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni għandhom iwettqu l-verifiki msemmija fl-Artikolu 19 fuq l-oġġetti maħsuba għat-tranżitu mit-territorju tal-Unjoni, ħlief meta dawn il-verifiki kollha jkunu twettqu f'post ta' kontroll fuq il-fruntiera ieħor f'konformità mal-paragrafu 3.

Artikolu 14

Il-ħżin ta' kunsinni ttrasbordati ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u tal-prodotti komposti tagħhom

L-operaturi għandhom jiżguraw li l-kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u tal-prodotti komposti tagħhom, matul il-perjodu tat-trasbord jinħażnu biss:

(i) fiż-żona doganali jew fiż-żona ħielsa tal-istess port jew ajruport f'kontejners issiġillati; jew

(ii) f'faċilitajiet tal-ħżin kummerċjali taħt il-kontroll tal-istess post ta' kontroll fuq il-fruntiera, f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3(11) u (12) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1014 ([23]).

([23]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1014 tat-12 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli ddettaljati dwar rekwiżiti minimi għall-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera, inklużi ċ-ċentri ta' spezzjoni, u għall-format, il-kategoriji u l-abbrevjazzjonijiet li għandhom jintużaw għall-elenkar ta' postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u ta' punti ta' kontroll (ĠU L 165, 21.6.2019, p. 10).

Artikolu 15

Verifiki tad-dokumenti, verifiki tal-identità u verifiki fiżiċi ta' kunsinni ta' pjanti, ta' prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra ttrasbordati

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tat-trasbord għandha twettaq il-verifiki tad-dokumenti fuq bażi ta' riskju tal-kunsinni ta' pjanti, ta' prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra ttrasbordati msemmija fil-punt (c)(ii) u (iii) tal-Artikolu 1(1) meta l-perjodu tat-trasbord ikun ta' aktar minn tlett ijiem fl-ajruport jew 30 jum fil-port.

2. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jagħtu lura ċ-ċertifikati jew id-dokumenti uffiċjali li jkunu vverifikaw lill-operatur responsabbli mill-kunsinna biex dawn iċ-ċertifikati jew id-dokumenti uffiċjali jkunu jistgħu jibqgħu mal-kunsinni għat-tkomplija tal-vjaġġ.

3. Meta jkun hemm suspett ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625, l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tat-trasbord għandha twettaq il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi fuq il-kunsinna.

4. Il-verifiki tad-dokumenti, il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi għandhom jitwettqu fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni, ħlief meta dawn il-verifiki tad-dokumenti, il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi jkunu twettqu f'post ieħor ta' kontroll fuq il-fruntiera f'konformità mal-paragrafu 3.

Artikolu 16

In-notifika tal-informazzjoni qabel jiskadi l-perjodu tat-trasbord

1. Għall-kunsinni li jkunu maħsuba għat-trasbord fil-perjodi tat-trasbord imsemmija fl-Artikoli 13(1) u 15(1), l-operatur responsabbli mill-kunsinna għandu jibgħat notifika qabel il-wasla tal-kunsinna lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tat-trasbord permezz tal-IMSOC jew permezz ta' sistema ta' informazzjoni oħra magħżula mill-awtoritajiet kompetenti għal dak l-għan, filwaqt li jindika dawn li ġejjin:

(a) l-informazzjoni meħtieġa biex il-kunsinna tiġi identifikata, u fejn tkun tinsab fl-ajruport jew fil-port;

(b) l-identifikazzjoni tal-mezzi tat-trasport;

(c) il-ħin stmat tal-wasla u tat-tluq tal-kunsinna;

(d) id-destinazzjoni tal-kunsinna.

2. Għall-finijiet tan-notifika msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħżlu sistema ta' informazzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tat-trasbord:

(a) jikkonsultaw l-informazzjoni pprovduta mill-operaturi;

(b) għal kull kunsinna jivverifikaw li l-perjodi tat-trasbord stipulati fl-Artikoli 13(1) u 15(1) ma jinqabżux.

3. Minbarra n-notifika minn qabel prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fil-każijiet li jidhru hawn taħt, l-operatur responsabbli mill-kunsinna għandu jinnotifika wkoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tat-trasbord billi jimla u jissottometti l-parti rilevanti taċ-CHED fl-IMSOC, kif previst fl-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) 2017/625:

(a) meta jkun skada l-perjodu tat-trasbord imsemmi fl-Artikoli 13(1) u 15(1); jew

(b) meta l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tat-trasbord jinfurmaw lill-operatur responsabbli mill-kunsinna bid-deċiżjoni li jkunu ħadu li jwettqu l-verifiki tad-dokumenti, il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi minħabba li jkollhom suspett li ma hemmx konformità mal-perjodu tat-trasbord stipulat fl-Artikolu 13(3) jew fl-Artikolu 15(3).

Artikolu 17

Verifiki tad-dokumenti, verifiki tal-identità u verifiki fiżiċi ta' kunsinni ta' ikel u għalf li mhux ta' oriġini mill-annimali ttrasbordati

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni għandhom iwettqu l-verifiki tad-dokumenti, il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi fuq il-kunsinni ttrasbordati ta' għalf u ikel mhux ta' oriġini mill-annimali li jkunu soġġetti għall-miżuri previsti mill-atti msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/625.

2. L-operatur responsabbli mill-kunsinna għandu jagħti notifika minn qabel tal-wasla tal-kunsinna tal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu kif previst fl-Artikolu 56(4) tar-Regolament 2017/625, lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni.

KAPITOLU IV

It-tranżitu ta' annimali u ta' oġġetti minn pajjiż terz għal pajjiż terz ieħor, li jgħaddu mit-territorju tal-Unjoni

TAQSIMA 1

Kontrolli uffiċjali fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni

Artikolu 18

Verifiki tad-dokumenti, verifiki tal-identità u verifiki fiżiċi ta' kunsinni ta' annimali ttrasbordati

L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni għandhom jawtorizzaw biss it-tranżitu ta' kunsinni ta' annimali minn pajjiż terz għal pajjiż terz ieħor, li jgħaddu mit-territorju tal-Unjoni meta l-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi jkunu favorevoli.

Artikolu 19

Kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tat-tranżitu ta' kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u tal-prodotti komposti tagħhom

L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu ta' kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u tal-prodotti komposti tagħhom, biss jekk dawn jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) li l-oġġetti jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli stipulati fir-regoli msemmija fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625;

(b) li lill-kunsinna jkunu sarulha l-verifiki tad-dokumenti, il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera b'riżultati tajbin;

(c) li l-kunsinna jkunu sarulha l-verifiki fiżiċi fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera fejn kien issuspettat li ma kinitx tikkonforma mar-regoli msemmijin fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625;

(d) li l-kunsinna jkollha magħha ċ-CHED u titlaq mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera f'vetturi jew f'kontejners tat-trasport issiġillati mill-awtorità fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera;

(e) il-kunsinna trid tiġi ttrasportata direttament taħt is-superviżjoni doganali, mingħajr ma jinħattu jew jinfirdu l-oġġetti, f'perjodu massimu ta' 15-il jum mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera lejn waħda mid-destinazzjonijiet li ġejjin:

(i) lejn post ta' kontroll fuq il-fruntiera sabiex titlaq mit-territorju tal-Unjoni;

(ii) lejn maħżen approvat;

(iii) lejn bażi militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti li tinsab fit-territorju tal-Unjoni;

(iv) lejn bastiment li jkun se jitlaq mill-Unjoni, meta l-kunsinna tkun maħsuba biex tforni l-bastiment.

Artikolu 20

Miżuri ta' segwitu mill-awtoritajiet kompetenti

L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni li f'perjodu ta' 15-il jum mid-data ta' meta ġie awtorizzat it-tranżitu fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera, ma jkunux irċevew konferma tal-wasla ta' kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u tal-prodotti komposti tagħhom f'waħda mid-destinazzjonijiet imsemmijin fil-punti (e)(i) sa (iv) tal-Artikolu 19, għandhom:

(a) jivverifikaw mal-awtoritajiet kompetenti fil-post tad-destinazzjoni, il-kunsinna waslitx jew le fil-post tad-destinazzjoni;

(b) jinfurmaw lill-awtoritajiet doganali jekk il-kunsinna ma tkunx waslet;

(c) iwettqu aktar investigazzjonijiet biex jiddeterminaw fejn realment tinsab il-kunsinna b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali u ma' awtoritajiet oħrajn f'konformità mal-Artikolu 75(1) tar-Regolament (UE) 2017/625.

Artikolu 21

It-trasport tal-kunsinni lejn bastiment li jkun se jitlaq mit-territorju tal-Unjoni

1. Meta kunsinna ta' oġġetti msemmija fl-Artikolu 19 tkun iddestinata għal bastiment li jkun se jitlaq mit-territorju tal-Unjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni, minbarra ċ-CHED għandhom joħorġu ċertifikat uffiċjali li jaqbel mal-mudell stipulat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2128 ([24]), li għandu jakkumpanja l-kunsinna għal fuq il-bastiment.

2. Fil-każ meta jkun hemm diversi kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u tal-prodotti komposti tagħhom jintbagħtu flimkien għal fuq l-istess bastiment, l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni jistgħu joħorġu ċertifikat uffiċjali wieħed kif imsemmi fil-paragrafu 1 li għandu jakkumpanja tali kunsinni għal fuq il-bastiment, dment li jkunu indikaw ir-referenza taċ-CHED għal kull kunsinna.

Artikolu 22

Verifiki tad-dokumenti u verifiki fiżiċi ta' pjanti, ta' prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħrajn fi tranżitu

1. Meta jiġu ppreżentati għat-tranżitu kunsinni f'post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni kunsinni ta' pjanti, ta' prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħrajn imsemmija fil-punt (d)(ii) u (iii) tal-Artikolu 1(1), l-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu ta' tali pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħrajn, dment li l-kunsinni jiġu ttrasportati taħt is-superviżjoni doganali.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera msemmija fil-paragrafu 1 għandhom iwettqu l-verifiki li ġejjin fuq bażi tar-riskju:

(a) verifiki tad-dokumenti tad-dikjarazzjoni ffirmata msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031;

(b) verifiki fiżiċi tal-kunsinna biex jiżguraw li din tkun ippakkjata u ttrasportata b'mod xieraq skont kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 47(1)tar-Regolament (UE) 2016/2031.

3. Meta jitwettqu l-kontrolli uffiċjali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jawtorizzaw it-tranżitu tal-oġġetti msemmijin fil-paragrafu 1, dment li l-kunsinni:

(a) jikkonformaw mal-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) 2016/2031;

(b) jinġarru lejn il-punt tal-ħruġ mill-Unjoni taħt is-superviżjoni doganali.

([24]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2128 li jistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali u r-regoli għall-ħruġ ta' ċertifikati uffiċjali għall-oġġetti li jintbagħtu lejn bastimenti li jkunu se jitilqu mill-Unjoni, u li jkunu maħsubin biex ifornu l-bastiment jew maħsubin għall-konsum mill-ekwipaġġ u mill-passiġġieri, jew ikunu qed jintbagħtu lejn bażi militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti tal-Amerka (Ara paġna 114 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

4. L-operatur responsabbli minn kunsinni ta' pjanti, ta' prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiżgura li l-imballaġġ jew il-mezz tat-trasport tal-kunsilli jkunu magħluqin jew issiġillati b'mod li waqt it-trasport lejn l-imħażen u l-ħżin fihom:

(a) il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u l-oġġetti l-oħra ma jikkawżawx infestazzjoni jew infezzjoni f'pjanti oħrajn, f'prodotti mill-pjanti oħrajn jew f'oġġetti oħra, ta' pesti elenkati bħala pesti ta' kwarantina tal-Unjoni jew bħala pesti rregolati mill-Unjoni li mhumiex ta' kwarantina msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(2) u fl-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 rispettivament u, fil-każ taż-żoni protetti, bil-pesti rispettivi mniżżlin fil-listi stabbiliti skont l-Artikolu 32(3) ta' dak ir-Regolament;

(b) il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra ma jistgħux jiġu infestati jew infettati bil-pesti msemmijin fil-punt (a).

TAQSIMA 2

Il-kundizzjonijiet għall-ħżin ta' kunsinni fi tranżitu f'imħażen approvati

Artikolu 23

Il-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-imħażen

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japprovaw l-imħażen għall-ħżin ta' kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u ta' prodotti komposti tagħhom li għalihom ġie awtorizzat it-tranżitu f'konformità mal-Artikolu 19.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japprovaw biss l-imħażen imsemmija fil-paragrafu 1 li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-imħażen li jaħżnu prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti komposti, prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti dderivati minnhom iridu jkunu konformi ma':

(i) ir-rekwiżiti tal-iġjene stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004; jew

(ii) ir-rekwiżiti stipulati fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 142/2011;

(b) jeħtieġ li jkunu ġew awtorizzati, approvati jew magħżulin mill-awtoritajiet doganali f'konformità mal-Artikoli 147(1), 240(1) u 243(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(c) l-imħażen iridu jikkonsistu minn spazju magħluq li l-bibien tad-dħul u tal-ħruġ tiegħu jkunu soġġetti għall-kontroll permanenti mill-operaturi;

(d) l-imħażen irid ikollhom kmamar għall-ħżin jew għar-refriġerazzjoni li jippermettu ħżin separat tal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1;

(e) l-imħażen irid ikollhom arranġamenti għar-reġistrazzjoni ta' kuljum tal-kunsinni kollha li jidħlu fil-faċilitajiet jew li jitilqu minnhom, bid-dettalji tan-natura u tal-kwantità tal-oġġetti, l-isem u l-indirizz tad-destinatarji u kopji taċ-CHED u taċ-ċertifikati li jakkumpanjaw il-kunsinni; l-imħażen iridu jżommu dawk ir-rekords għal mill-inqas tliet snin;

(f) l-oġġetti kollha msemmija fil-paragrafu 1 jeħtieġ li jkunu identifikati permezz ta' tikkettar jew b'mezzi elettroniċi bin-numru ta' referenza taċ-CHED li jakkumpanja l-kunsinna; dawk l-oġġetti jeħtieġ li ma jkunux soġġetti għall xi alterazzjoni, ipproċessar, sostituzzjoni jew tibdil fl-imballaġġ;

(g) l-imħażen irid ikollhom it-teknoloġija u t-tagħmir meħtieġa għat-tħaddim effiċjenti tal-IMSOC;

(h) l-operaturi tal-imħażen għandhom jipprovdu l-postijiet u l-mezzi ta' komunikazzjoni meħtieġa biex ikunu jistgħu jwettqu l-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħrajn b'mod effikaċi, jekk jintalbu jagħmlu hekk mill-awtorità kompetenti.

3. Meta l-imħażen ma jibqgħux jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti għandha tirtira jew tissospendi temporanjament l-approvazzjoni tal-maħżen.

Artikolu 24

It-trasport tal-oġġetti mill-imħażen

L-operatur responsabbli mill-kunsinna għandu jittrasporta l-kunsinna tal-oġġetti msemmija fl-Artikolu 23(1) mill-maħżen approvat lejn waħda mid-destinazzjonijiet li ġejjin:

(a) post ta' kontroll fuq il-fruntiera sabiex titlaq mit-territorju tal-Unjoni biex tmur:

(i) lejn bażi militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti; jew

(ii) lejn kwalunkwe destinazzjoni oħra;

(b) lejn maħżen approvat ieħor;

(c) lejn bażi militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti li tinsab fit-territorju tal-Unjoni;

(d) lejn bastiment li jkun se jitlaq mill-Unjoni, meta l-kunsinna tkun maħsuba biex tforni l-bastiment;

(e) post fejn jintremew il-kunsinni f'konformità mal-Kapitolu II tat-Titolu I tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([25]).

Artikolu 25

Iż-żamma u l-aġġornar tal-lista tal-imħażen approvati

L-Istati Membri għandhom iżommu u jaġġornaw fl-IMSOC il-lista ta' mħażen approvati, filwaqt li jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u l-indirizz ta' kull maħżen;

(b) il-kategoriji tal-oġġetti li għalihom ikun ġie approvat.

Artikolu 26

Kontrolli uffiċjali fl-imħażen

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-kontrolli uffiċjali regolari fl-imħażen biex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-approvazzjoni stipulati fl-Artikolu 23.

2. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-kontrolli uffiċjali fl-imħażen approvati għandhom jivverifikaw l-effikaċja tas-sistemi li jkunu qed jitħaddmu biex jiżguraw it-traċċabbiltà tal-kunsinni, fost l-oħrajn billi jqabblu l-kwantitajiet tal-oġġetti li jidħlu fl-imħażen mal-kwantitajiet li joħorġu.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-kunsinni ttrasportati lejn l-imħażen, jew maħżuna fihom ikollhom magħhom iċ-CHED rilevanti u kopja stampata jew elettronika awtentikata taċ-ċertifikat uffiċjali kif imsemmi fl-Artikolu 50(2) tar-Regolament (UE) 2017/625.

4. Meta l-kunsinni jaslu fl-imħażen approvati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) iwettqu verifika tal-identità biex jikkonfermaw li l-kunsinna tikkorrispondi mal-informazzjoni rilevanti fiċ-CHED li jkun magħha;

(b) jivverifikaw li s-siġilli mwaħħla fuq il-vetturi jew fuq il-kontejners tat-trasport għadhom intatti f'konformità ma' mal-punt (d) tal-Artikolu 19 jew mal-punt (d) tal-Artikolu 28;

(c) jirreġistraw l-eżitu tal-verifiki tal-identità fil-parti III taċ-CHED u jikkomunikaw dik l-informazzjoni permezz tal-IMSOC.

Artikolu 27

L-obbligi tal-operaturi fl-imħażen

1. L-operatur responsabbli mill-kunsinna għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti bil-wasla fil-maħżen approvat tal-kunsinna.

([25]) Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tista' teżenta lill-operatur responsabbli mill-maħżen approvat mill-obbligu li jinforma lill-awtoritajiet kompetenti bil-wasla tal-kunsinna fil-maħżen, dment li l-operatur ikun approvat mill-awtoritajiet doganali bħala operatur ekonomiku awtorizzat imsemmi fl-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tista' teżenta l-kunsinni mill-verifiki tal-identità dment li l-operatur responsabbli mill-kunsinna jkun approvat mill-awtoritajiet doganali bħala operatur ekonomiku awtorizzat imsemmi fl-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

4. L-operatur responsabbli mill-kunsinna għandu jiżgura li l-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 li nġarru lejn, jew inħażnu fl-imħażen ikollhom magħhom iċ-CHED rilevanti u kopja stampata jew elettronika awtentikata taċ-ċertifikat uffiċjali kif imsemmi fl-Artikolu 50(2) tar-Regolament (UE) 2017/625.

Artikolu 28

Il-kundizzjonijiet għat-trasport tal-oġġetti mill-imħażen lejn pajjiżi terzi, lejn imħażen oħrajn u lejn postijiet fejn jintremew

L-operatur responsabbli mill-kunsinna għandu jittrasporta l-oġġetti msemmija fl-Artikolu 23(1) mill-maħżen approvat lejn waħda mid-destinazzjonijiet imsemmija fil-punti (a)(ii), (b) u (e) tal-Artikolu 24, dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-operatur responsabbli mill-kunsinna jissottometti ċ-CHED permezz tal-IMSOC għall-kunsinna kollha u jiddikjara fih il-mezz tat-trasport u l-post tad-destinazzjoni; meta l-kunsinna oriġinali tinfired fil-maħżen, l-operatur responsabbli mill-kunsinna jrid jissottometti ċ-CHED permezz tal-IMSOC għal kull parti tal-kunsinna mifruda u jiddikjara fih il-kwantità, il-mezz tat-trasport u l-post tad-destinazzjoni għall-parti rilevanti tal-kunsinna mifruda;

(b) l-awtoritajiet kompetenti jridu jawtorizzaw il-moviment u jiffinalizzaw iċ-CHED għal:

  (i) il-kunsinna kollha, jew

  (ii) il-partijiet individwali tal-kunsinna mifruda, dment li t-total tal-kwantitajiet iddikjarati f'dawk iċ-CHEDs ma jaqbiżx il-kwantità totali stabbilita fiċ-CHED tal-kunsinna sħiħa.

(c) l-operatur responsabbli mill-kunsinna jrid jiżgura li, barra miċ-CHED li jkun mal-kunsinna, ikun hemm kopja awtentikata taċ-ċertifikat uffiċjali li jkun akkumpanja l-kunsinna lejn il-maħżen, kif imsemmi fl-Artikolu 27(4), li tkompli l-vjaġġ mal-kunsinna, dment li ma tkunx ittellgħet kopja elettronika taċ-ċertifikat uffiċjali fl-IMSOC li ġiet ivverifikata mill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni; meta l-kunsinna oriġinali tinfired u l-kopja taċ-ċertifikat uffiċjali ma tkunx ittellgħet fl-IMSOC mill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni, l-awtoritajiet kompetenti jagħtu lill-operatur responsabbli mill-kunsinna kopji awtentikati taċ-ċertifikat uffiċjali sabiex dawn jakkumpanjaw il-partijiet tal-kunsinna mifruda lejn id-destinazzjonijiet tagħhom;

(d) l-operatur responsabbli mill-kunsinna jittrasporta l-oġġetti taħt is-superviżjoni doganali mill-imħażen f'vetturi jew f'kontejners tat-trasport issiġillati mill-awtoritajiet kompetenti;

(e) l-operatur responsabbli mill-kunsinna jittrasporta l-oġġetti direttament mill-maħżen lejn il-post tad-destinazzjoni mingħajr ma jinħattu jew jinfirdu, f'perjodu massimu ta' 15-il jum mid-data tal-awtorizzazzjoni għat-trasport.

Artikolu 29

Il-kundizzjonijiet għat-trasportazzjoni tal-oġġetti mill-imħażen lejn bażijiet militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti u lejn bastimenti li jkunu se jitilqu mill-Unjoni

L-operatur responsabbli mill-kunsinna għandu jittrasporta l-oġġetti msemmija fl-Artikolu 23(1) mill-imħażen approvati lejn waħda mid-destinazzjonijiet imsemmijin fil-punti (a)(i),(c) u (d) tal-Artikolu 24, dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-operatur responsabbli mill-maħżen jiddikjara l-moviment tal-oġġetti lill-awtoritajiet kompetenti billi jimla l-Parti I taċ-ċertifikat uffiċjali msemmi fil-punt (c);

(b) l-awtorità kompetenti tawtorizza l-moviment tal-oġġetti u lill-operatur responsabbli mill-kunsinna tagħtih iċ-ċertifikat uffiċjali ffinalizzat imsemmi fil-punt (c), li jista' jintuża għat-twassil tal-kunsinna li jkun fiha oġġetti dderivati minn iktar minn kunsinna waħda tal-oriġini jew iktar minn kategorija waħda ta' prodotti;

(c) l-operatur responsabbli mill-kunsinna jiżgura li ċertifikat uffiċjali f'konformità mal-mudell stipulat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2128 [adottat abbażi tal-Artikolu 77(3)(a) u tal-Artikolu 90(a) tar-Regolament (UE) 2019/20191105-002] jakkumpanja l-kunsinna sad-destinazzjoni tagħha;

(d) l-operatur responsabbli mill-kunsinna jittrasporta l-oġġetti taħt is-superviżjoni doganali;

(e) l-operatur responsabbli mill-kunisinna jittrasporta l-oġġetti mill-imħażen f'vetturi jew f'kontejners tat-trasport li kienu ssiġillati taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 30

Miżuri ta' segwitu mill-awtoritajiet kompetenti

L-awtoritajiet kompetenti ta' maħżen li f'perjodu ta' 15-il jum mid-data ta' meta ġie awtorizzat it-tranżitu mill-maħżen, ma jkunux irċevew konferma tal-wasla ta' kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u tal-prodotti komposti tagħhom f'waħda mid-destinazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 24, għandhom:

(a) jivverifikaw mal-awtoritajiet kompetenti fil-postijiet tad-destinazzjoni, il-kunsinna waslitx jew le;

(b) jinfurmaw lill-awtoritajiet doganali jekk il-kunsinna ma tkunx waslet;

(c) iwettqu aktar investigazzjonijiet biex jiddeterminaw fejn realment jinsabu l-oġġetti b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali u ma' awtoritajiet oħrajn f'konformità mal-Artikolu 75(1) tar-Regolament (UE) 2017/625.

Artikolu 31

Il-monitoraġġ tat-twassil tal-oġġetti lil bastiment li jkun se jitlaq mit-territorju tal-Unjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni jew tal-maħżen għandha tinnotifika li l-kunsinni tal-oġġetti msemmija fl-Artikolu 19 u fl-Artikolu 23(1) ikunu ntbagħtu u tinnotifika l-post tad-destinazzjoni tagħhom lill-awtorità kompetenti tal-port tad-destinazzjoni, permezz tal-IMSOC.

2. L-operatur jista' jħott il-kunsinni ta' oġġetti msemmija fl-Artikolu 19 u fl-Artikolu 23(1) fil-port tad-destinazzjoni qabel ma jitwasslu fil-bastiment li jkun se jitlaq mit-territorju tal-Unjoni, dment li l-operazzjoni tkun awtorizzata u ssorveljata mill-awtorità doganali, u li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tat-twassil indikati fin-notifika msemmija fil-paragrafu 1.

3. Malli l-kunsinna tal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 titwassal abbord il-bastiment, l-awtorità kompetenti tal-port tad-destinazzjoni jew ir-rappreżentant tal-kaptan tal-bastiment għandhom jikkonfermaw il-wasla tal-kunsinna lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni jew tal-maħżen, permezz ta':

(a) il-kontroffirmar taċ-ċertifikat uffiċjali msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 29, jew

(b) l-użu ta' mezz elettroniku, fost l-oħrajn l-IMSOC jew sistemi nazzjonali eżistenti.

4. Ir-rappreżentant imsemmi fil-paragrafu 3 jew l-operatur responsabbli biex iwassal il-kunsinna lill-bastiment li jkun se jitlaq mit-territorju tal-Unjoni għandu jirritorna, fi żmien 15-il jum, iċ-ċertifikat uffiċjali kontroffirmat imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 3, lill-awtorità kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni jew tal-maħżen.

5. L-awtorità kompetenti tal-port tad-destinazzjoni, l-awtorità kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni jew l-awtorità kompetenti tal-maħżen għandha tivverifika li l-konferma tal-kunsinna msemmija fil-paragrafu 3 hija rreġistrata fl-IMSOC jew li d-dokumenti kontroffirmati msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 3 jintbagħtu lura lill-awtorità kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jew lill-awtorità kompetenti tal-maħżen.

TAQSIMA 3

Kontrolli uffiċjali fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera minn fejn jitilqu l-oġġetti mit-territorju tal-Unjoni

Artikolu 32

L-obbligi tal-operatur li jippreżenta l-oġġetti li jkunu se joħorġu mit-territorju tal-Unjoni għall-kontrolli uffiċjali

1. L-operaturi għandhom jippreżentaw il-prodotti li joriġinaw mill-annimali, il-prodotti ġerminali, il-prodotti sekondarji tal-annimali, il-prodotti dderivati minnhom, il-ħuxlief u t-tiben u l-prodotti komposti tagħhom li jitilqu mit-territorju tal-Unjoni biex jiġu ttrasportati lejn pajjiż terz għall-kontrolli uffiċjali lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera indikat fiċ-CHED, f'post indikat minn dawk l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera.

2. L-operaturi għandhom jippreżentaw l-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 li jkunu se joħorġu mit-territorju tal-Unjoni biex jintbagħtu lejn bażi militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti li tinsab f'pajjiż terz, għall-kontrolli uffiċjali lill-awtorità kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera indikat fiċ-ċertifikat uffiċjali f'konformità mal-mudell stipulat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/XXX [adottat abbażi tal-Artikolu 77(3)(a) u tal-Artikolu 90(a) tar-Regolament (UE) 2019/2128.

Artikolu 33

Kontrolli uffiċjali fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera minn fejn jitilqu l-oġġetti mit-territorju tal-Unjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera fejn il-prodotti li joriġinaw mill-annimali, il-prodotti ġerminali, il-prodotti sekondarji tal-annimali, il-prodotti dderivati minnhom, il-ħuxlief u t-tiben u l-prodotti komposti tagħhom jitilqu mit-territorju tal-Unjoni, għandhom jagħmlu verifika tal-identità biex jiżguraw li l-kunsinna ppreżentata tikkorrispondi mal-kunsinna msemmija fiċ-CHED jew fiċ-ċertifikat uffiċjali msemmi fl-Artikolu 29(c) li jkun mal-kunsinna. B'mod partikolari, għandhom jivverifikaw li s-siġilli mwaħħla fuq il-vetturi jew fuq il-kontejners tat-trasport, f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 19, mal-punt (d) tal-Artikolu 28, jew mal-punt (e) tal-Artikolu 29, għadhom intatti.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera minn fejn l-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 joħorġu mit-territorju tal-Unjoni għandhom jirreġistraw l-eżitu tal-kontrolli uffiċjali fil-parti III taċ-CHED jew fil-parti III taċ-ċertifikat uffiċjali f'konformità mal-mudell stipulat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2128. L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera responsabbli mill-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jirreġistraw l-eżitu ta' dawn il-kontrolli fl-IMSOC.

TAQSIMA 4

Derogi għall-kunsinni fi tranżitu

Artikolu 34

It-tranżitu ta' ċerti annimali u ta' ċerti oġġetti

1. B'deroga mill-Artikoli 18 u 19, l-awtoritajiet kompetenti tal-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu mit-territorju tal-Unjoni tal-kunsinni li ġejjin, soġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2:

(a) It-tranżitu bit-triq mil-Litwanja ta' kunsinni ta' annimali bovini għat-tnissil u l-produzzjoni, li jkunu ġejjin mir-reġjun Russu ta' Kaliningrad u li jintbagħtu lejn destinazzjoni barra mill-Unjoni, li jidħlu u joħorġu mill-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera magħżula tal-Litwanja.

(b) It-tranżitu bit-triq jew bil-ferrovija mill-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali tal-akkwakultura, bejn postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera fil-Latvja, fil-Litwanja u fil-Polonja, li jkunu ġejjin mir-Russja u li jkunu ddestinati għar-Russja, direttament jew minn pajjiż terz ieħor.

(c) It-tranżitu bit-triq jew bil-ferrovija mill-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti komposti, prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti ġerminali ta' annimali bovini, porċini, ovini, kaprini, ekwini, bajd speċifikat bħala ħieles mill-patoġeni, bejn postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera fil-Latvja, fil-Litwanja u fil-Polonja, li jkunu ġejjin mir-Russja u li jkunu destinati għar-Russja, direttament jew minn pajjiż terz ieħor.

(d) It-tranżitu bit-triq jew bil-ferrovija ta' kunsinni ta' bajd, ta' prodotti tal-bajd u ta' laħam tat-tjur, bejn il-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera fil-Litwanja, li jkunu ġejjin mill-Belarus u li jkunu ddestinati għar-reġjun Russu ta' Kaliningrad.

(e) It-tranżitu bit-triq mill-Kroazja ta' kunsinni ta' annimali tal-akkwakultura, prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti komposti, prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti ġerminali ta' annimali bovini, porċini, ovini, kaprini, ekwini, bajd speċifikat bħala ħieles mill-patoġeni li jkunu ġejjin mill-Bożnija-Ħerzegovina, li jidħlu fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tat-triq ta' Nova Sela u li joħorġu mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-port ta' Ploče.

2. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun soġġetta għall-konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) L-awtorità kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni għandha:

(i) twettaq il-verifiki tad-dokumenti, il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi fuq il-kunsinni tal-annimali kif stipulat fl-Artikolu 18;

(ii) iwettqu l-verifiki tad-dokumenti, il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi fuq kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u ta'prodotti komposti tagħhom kif stipulat fl-Artikolu 19;

(iii) tittimbra ċ-ċertifikati uffiċjali li jkunu mal-kunsinni maħsuba għall-pajjiż terz tad-destinazzjoni "GĦAT-TRANŻITU BISS, MILL-UE";

(iv) iżżomm kopji jew ekwivalenti elettroniċi taċ-ċertifikati msemmijin fil-punt (iii) fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni;

(v) tissiġilla l-vetturi jew il-kontejners tat-trasport li jkunu qed jittraspurtaw il-kunsinni.

(b) L-operatur responsabbli mill-kunsinna għandu jiżgura li l-kunsinni jiġu ttrasportati direttament taħt is-superviżjoni doganali, mingħajr ma jinħattu, lejn il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera fejn il-kunsinni jkunu se jitilqu mit-territorju tal-Unjoni.

(c) L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera fejn l-oġġetti joħorġu mit-territorju tal-Unjoni għandhom:

(i) iwettqu verifika tal-identità biex jikkonfermaw li l-kunsinna koperta miċ-CHED li jkun magħha toħroġ realment mit-territorju tal-Unjoni. B'mod partikolari, għandhom jivverifikaw li s-siġilli mwaħħla fuq il-vetturi jew fuq il-kontejners tat-trasport għadhom intatti;

(ii) jirreġistraw l-eżitu tal-kontrolli uffiċjali msemmijin fil-punt (i) fl-IMSOC.

(d) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli bbażati fuq ir-riskju biex jiżguraw li l-għadd ta' kunsinni u l-kwantitajiet ta' annimali u oġġetti li jkunu ħerġin mit-territorju tal-Unjoni jkunu jaqblu mal-għadd u mal-kwantitajiet li jkunu deħlin fit-territorju tal-Unjoni.

Artikolu 35

It-tranżitu tal-oġġetti lejn bażi militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti li tinsab fit-territorju tal-Unjoni

1. Il-prodotti li joriġinaw mill-annimali, il-prodotti ġerminali, il-prodotti sekondarji tal-annimali, il-prodotti dderivati minnhom, il-ħuxlief u t-tiben u l-prodotti komposti tagħhom iddestinati għal bażi militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti li tinsab fit-territorju tal-Unjoni għandhom jiġu ppreżentati mill-operatur responsabbli mill-kunsinna, għall-kontrolli uffiċjali fil-bażi militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti indikata fiċ-ċertifikat uffiċjali ta' akkumpanjament f'konformità mal-mudell stipulat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2128.

2. L-awtorità kompetenti responsabbli mill-kontrolli fil-bażi militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti fid-destinazzjoni għandha tagħmel verifika tal-identità biex tikkonferma li l-kunsinna tikkorrispondi ma' dik koperta miċ-CHED jew miċ-ċertifikat uffiċjali ta' akkumpanjament f'konformità mal-mudell stipulat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2128. B'mod partikolari, hija għandha tivverifika li s-siġilli mwaħħla fuq il-vetturi jew il-kontenituri tat-trasport, f'konformità mal-Artikoli 19(d) u 29(e), għadhom intatti. L-awtorità kompetenti responsabbli mill-kontrolli fil-bażi militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti għandha tirreġistra l-eżitu ta' dawn il-kontrolli fl-IMSOC.

Artikolu 36

It-tranżitu tal-oġġetti rrifjutati minn pajjiż terz wara t-tranżitu tagħhom mill-Unjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tat-triq jew tal-ferrovija tal-introduzzjoni fl-Unjoni tista' tawtorizza t-tranżitu suċċessiv mill-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u ta' prodotti komposti minnhom, soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kunsinna tal-oġġetti tkun ġiet irrifjutata minn pajjiż terz minnufih wara t-tranżitu tagħha mill-Unjoni jew is-siġilli mqiegħda mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 19, fil-punt (d) tal-Artikolu 28 jew fil-punt (e) tal-Artikolu 29, fil-vettura jew fil-kontejner tat-trasport għadhom intatti;

(b) il-kunsinna tikkonforma mar-regoli stipulati fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 19.

2. L-awtoritajiet kompetenti tat-triq jew tal-ferrovija tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni għandhom jerġgħu jissiġillaw il-kunsinna wara l-verifiki msemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 19.

3. L-operaturi għandhom jittrasportaw il-kunsinna direttament lejn waħda mid-destinazzjonijiet li ġejjin:

(a) il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera li awtorizza t-tranżitu mill-Unjoni; jew

(b) il-maħżen fejn inħażnet qabel ir-rifjut minn pajjiż terz.

KAPITOLU V

It-tranżitu ta' annimali u oġġetti mit-territorju tal-Unjoni lejn parti oħra tat-territorju tal-Unjoni, li jgħaddu mit-territorju ta' pajjiż terz

Artikolu 37

It-tranżitu ta' annimali, ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u ta' prodotti komposti tagħhom

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kunsinni ta' annimali u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u ta' prodotti komposti tagħhom, li jiġu ttrasportati minn parti mit-territorju tal-Unjoni lejn parti oħra tat-territorju tal-Unjoni, li jgħaddu mit-territorju ta' pajjiż terz, jiġu ttrasportati taħt is-superviżjoni doganali.

2. L-operaturi responsabbli mill-kunsinni msemmijin fil-paragrafu 1 li jkunu għaddew mit-territorju ta' pajjiż terz, meta dawn il-kunsinni jerġgħu jiġu introdotti fit-territorju tal-Unjoni għandhom jippreżentawhom:

(a) lill-awtoritajiet kompetenti ta' post ta' kontroll fuq il-fruntiera magħżul għal kwalunkwe kategorija tal-annimali u l-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1; jew

(b) f'post indikat mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-punt (a), li jkun qrib il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni mill-ġdid fl-Unjoni għandhom:

(a) iwettqu l-verifiki tad-dokumenti biex jivverifikaw l-oriġini tal-annimali u tal-oġġetti li hemm fil-kunsinna;

(b) fejn ikun meħtieġ mir-regoli msemmija fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625, jivverifikaw l-istat tas-saħħa tal-annimali tal-pajjiżi terzi li minnhom ikunu għaddew il-kunsinni u ċ-ċertifikati u d-dokumenti uffiċjali ta' akkumpanjament rilevanti;

(c) fejn ikun meħtieġ mir-regoli msemmija fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625, iwettqu verifika tal-identità biex jivverifikaw li s-siġilli mqiegħda fuq il-vetturi jew il-kontejners tat-trasport għadhom intatti.

4. Meta jkun hemm suspett ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625, l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni mill-ġdid fl-Unjoni għandhom iwettqu wkoll il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi minbarra dawk stipulati fil-paragrafu 3.

5. L-operaturi għandhom jippreżentaw il-kunsinni ta' annimali li jiġu ttrasportati minn parti mit-territorju tal-Unjoni lejn parti oħra tat-territorju tal-Unjoni u li jgħaddu mit-territorju ta' pajjiż terz, għall-verifiki uffiċjali fil-punt tal-ħruġ mit-territorju tal-Unjoni.

6. L-awtorità kompetenti fil-punt tal-ħruġ mill-Unjoni għandha:

(a) meta jkun meħtieġ twettaq il-verifiki stipulati fir-regoli msemmija fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625;

(b) tittimbra ċ-ċertifikat uffiċjali li jkun mal-kunsinna bil-kliem li ġej "GĦAT-TRANŻITU BISS BEJN PARTIJIET DIFFERENTI TAL-UNJONI EWROPEA LI JGĦADDI MINN [l-isem tal-pajjiż terz]".

Artikolu 38

Il-Kuritur ta' Neum

1. Meta jkun hemm kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti ġerminali, ta'prodotti sekondarji tal-annimali, ta' prodotti dderivati minnhom, ta' ħuxlief u tiben u ta' prodotti komposti tagħhom li jkunu ġejjin mit-territorju tal-Kroazja għat-tranżitu mit-territorju tal-Bożnija-Ħerzegovina fil-kuritur ta' Neum u qabel ma dawn joħorġu mit-territorju tal-Kroazja mill-punti tad-dħul ta' Klek jew Zaton Doli, l-awtoritajiet kompetenti tal-Kroazja għandhom:

(a) jissiġillaw il-vetturi jew il-kontejners tat-trasport qabel ma jgħaddu mill-kuritur ta' Neum;

(b) jirreġistraw id-data u l-ħin tat-tluq tal-vetturi li jittrasportaw il-kunsinni.

2. Meta l-kunsinni msemmija fil-paragrafu 1 jerġgħu jidħlu fit-territorju tal-Kroazja fil-punti tad-dħul ta' Klek jew Zaton Doli, l-awtoritajiet kompetenti tal-Kroazja għandhom:

(a) jivverifikaw li s-siġilli fuq il-vetturi jew il-kontejners tat-trasport għadhom intatti,

(b) jirreġistraw id-data u l-ħin tal-wasla tal-vetturi li jittrasportaw il-kunsinni.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Kroazja għandhom jieħdu l-miżuri x-xierqa skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2017/625 jekk:

(a) is-siġill imsemmi fil-paragrafu 1 ikun inqasam waqt it-tranżitu mill-kuritur ta' Neum; jew

(b) il-ħin tat-tranżitu jaqbeż il-ħin meħtieġ għall-ivvjaġġar bejn il-punti tad-dħul ta' Klek u Zaton Doli.

KAPITOLU VI

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 39

Tħassir

Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2000/208/KE u 2000/571/KE u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/215/UE jitħassru b'effett mill-14 ta' Diċembru 2019.

Artikolu 40

Emendi għad-Deċiżjoni 2007/777/KE

Id-Deċiżjoni 2007/777/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, tħassru l-punti (b), (c) u (d);

(b) tħassru l-paragrafi 2 u 3;

(2) L-Artikolu 6a huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, tħassru l-punti (b), (c) u (d);

(b) tħassru l-paragrafi 2 u 3.

Artikolu 41

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 798/2008

L-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-paragrafu 1, tħassru l-punti (b), (c) u (d);

(2) fil-paragrafu 2, tħassru l-punti (b), (c) u (d);

(3) tħassru l-paragrafi 3 u 4.

Artikolu 42

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1251/2008

L-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1251/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-paragrafu 1, tħassru l-punti (b), (c) u (d);

(2) tħassru l-paragrafi 2 u 3.

Artikolu 43

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 119/2009

L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 119/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-paragrafu 1, tħassru l-punti (b), (c) u (d);

(2) tħassru l-paragrafi 2 u 3.

Artikolu 44

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 206/2010

Ir-Regolament (UE) Nru 206/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 12 a huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, tħassru l-punti (d) u (e);

(b) tħassar il-paragrafu 2;

(c) tħassar il-paragrafu 4;

(2) L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, tħassru l-punti (b), (c) u (d);

(b) tħassru l-paragrafi 2 u 3;

(3) L-Artikolu 17 a huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, tħassru l-punti (b), (c) u (d);

(b) tħassru l-paragrafi 2 u 3.

Artikolu 45

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 605/2010

Ir-Regolament (UE) Nru 605/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, tħassru l-punti (b), (c) u (d);

(b) tħassru l-paragrafi 2 u 3

(2) fl-Artikolu 7a, tħassru l-paragrafi 2 u 3.

Artikolu 46

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 142/2011

Ir-Regolament (UE) Nru 142/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 29 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, tħassru l-punti (b), (c) u (d);

(b) tħassru l-paragrafi 2 u 3;

(2) L-Artikolu 29 a huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, tħassru l-punti (b), (c) u (d);

(b) tħassru l-paragrafi 2 u 3.

Artikolu 47

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 28/2012

Ir-Regolament (UE) Nru 28/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, tħassru l-punti (b), (c) u (d);

(b) tħassru l-paragrafi 2 u 3;

(2) L-Artikolu 5 a huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, tħassru l-punti (b), (c) u (d);

(b) tħassru l-paragrafi 2 u 3.

Artikolu 48

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759

L-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-paragrafu 1, tħassru l-punti (b), (c) u (d);

(2) tħassru l-paragrafi 2 u 3.

Artikolu 49

Id-dħul fis-seħħ u d-data tal-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-14 ta' Diċembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER